# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-25 t'April 2024**

**Talba nru. 111/2021**

**IVAN MILOSEVIC**
**(KI 83059A)**

*VERSUS*

**ENTITY DEFIANT COMMERCIAL LIMITED**
**(C 48495)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra t-talbaipprezentata mill-attur fit-8 t'April 2021 fejn fiha huwa qed jitlob lis-socjeta konvenuta tigi kkundanata thallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija sitta u tletin Ewro sebgha u sebghin centezmu (Eur 4,636.77) liema ammont jirraprezenta ammont ekwivalenti ghal zewg pagi u performance bonus u ammont ghal notice meta kien impjegat mas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta konvenuta fis-17 ta' Gunju 2021 fejn fiha gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ma hemm l-ebda ammont dovut lill-attur.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-attur u d-difensur tas-socjeta konvenuta.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tal-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal.

L-attur xehed fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021 fejn qal illi huwa kien gie impjegat bhala Sales Supervisor fl-1 t'April 2019. (Fol.15a) Wara li kien ghadda z-zmien tal-probation, l-attur kien gie infurmat, mhux b'mod ufficcjali, li l-firma tieghu kellha tkun dik ta' Service Department manager. Fi kliem l-attur, din il-promozzjoni, ma saritx ufficcjali, ma gabet l-ebda zieda fil-paga hlief zieda fir-responsabiltajiet u dipartimenti li kellu x' jiehu hsieb.

Fix-xhieda tieghu l-attur jaghti rendikont tar-rwol il-gdid li kien inghata u x kien jinvolvi.Ikompli jghid illi kien gie zmien meta kellu joqghod kwaratnina minhabba l-Covid-19. F'dan iz-zmien is-socjeta konvenuta talbitu jahdem mid-dar. Minkejja illi ma kellu l-ebda diffikulta biex jaghmel dan, l-attur jghid illi x-xoghol propju tieghu kien li jiltaqa mal-haddiema u allura kien limitat x'xoghol seta jaghmel mid-dar. L-attur ikompli a Fol. 15b jaghti dettalji dwar l-allegat fatti illi wasslu ghat-tkeccija mill-impieg tieghu. Il-maggor parti tax-xhieda ta' l-attur tingabar f'sentenza wahda meta jghid, "*So this is one more of the reasons that I found their termination letter as unfair.*"

Lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu, l-attur jitkellem fuq il-flus li huwa qed jitlob minghand is-socjeta konvenuta u jghid illi kellu performance bonus imnizzel fil-kuntratt u li kien ga beda diskussjonijiet mar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta biex jara kif ser jithallas dan il-bonus. L-attur ighid, "*So I was expecting this on that I will be paid my bonus by the end of April which was an expire of one year of my employment and as per contract it was supposed to pay yearly, but unfortunately just a bit after that the thing with the Covid and all the problems started, so I was never paid that bonus*."

L-attur ipprezenta l-kuntratt ta' impieg li kellu mas-socjeta konvenuta, l-ittra tar-rizenja, konferma li kien taht kwarantina, ittri ta' rakkomndazzjonijiet, emails rigward it-terminazzjoni u estratti minn messaggi li kellu mad-direttur tas-socjeta konvenuta.

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2022, xehdet Lisa Psaila Milosevic, mart l-attur. Ix-xhud tghid li l-attur kien kuntent fix-xoghol u anke s-socjeta konvenuta kienet kuntenta tant li ikkonfermawlu l-impieg wara l-probation.

L-attur xehed in kontro ezami fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023 fejn jikkonferma a Fol.55A illi huwa thallas il-paga sa l-ahhar gurnata li hadem – "*my last pay was paid to me*;" Mistoqsi jekk irceviex il-pagamenti kollha, l-attur wiegeb li iva. L-attur jispjega illi, " *. . . So basically the 2 pays that are mentioned are the pays that Mr. Gregory offered me over the phone call while he was telling me. . . .in order. It was kind of offer. . . .*"

Fl-istess udjenza xehed ukoll Luke Gregory, managing director tas-socjeta konvenuta. Ix-xhud jispejga n-nuqqasijiet li kienet qed tara s-socjeta konvenuta fl-impieg ta' l-attur u li wasslu ghat-terminazzjoni tieghu. Ikompli jghid illi minhabba dawn in-nuqqasijiet ma setghux ihallsu l-perfomrance bonus lill-attur.

Charmaine Sciberras, li tokkupa l-kariga ta' financial controller fi hdan is-socjeta konvenuta xehedet fis-17 ta' Jannar 2023. Ix-xhud qalet illi l-attur gie terminat fit-28 ta' Mejju 2020 u li kien thallas sa din id-data bhala paga. Din il-paga thallset fil-5 ta' Gunju 2020. Ix-xhud ipprezentat ukoll kopja tal-bank transfer li sar lill-attur bil-hlas tal-paga flimkien mal-payslip. Din il-payslip turi, "*fejn fuq il-payslip hemm spjegat ezattament ta' xiex thallas, fosthom is-salarju tax-xahar cioe ta' dawk . . . ghax-xahar ta' Mejju, il-leave balance li kien fadallu sa dak il-gurnata li hu hadem mal-*

*kumpannija u l-government bonuses li hu kien intitolat ghalihom . . . . fosthom parti mill-bonus li kien ha jithallas fl-ahhar ta' Settembru . . ."*

Ix-xhud tispjega illi l-performance bonus jithallas ghad-diskrezzjoni tal-kumpannija (Fol.55G) u cioe illi irid jilhaq il-miri u r-responsabiltajiet mnizzla fil-kuntratt ta' impieg.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza hija dwar somma flus li hija maqsuma fi tnejn – pagament ekwivalenti ghal xahrejn paga (Eur 2636.77) u performance bonus (Eur 2000.00) li flimkien jammontaw ghas-somma ta' Eur 4,636.77 mitluba mill-attur minghand is-socjeta konvenuta, wara li l-istess attur gie terminat mill-impieg tieghu.

Illi dan it-Tribunal ser jerga jafferma l-pozizzjoni tieghu, kif ga kellu l-opportunita li jaghmel tul is-smiegh tax-xhieda, illi m'ghandu l-ebda kompetenza sabiex jiddeciedi dwar jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur kienetx gusta jew le. Qed jinghad dan ghaliex, meta wiehed jevalwa x-xhieda ta' l-attur tul il-process kollu, huwa jaghti hafna dettal u anke piz, dwar ir-rendiment tax-xoghol tieghu u l-allegat ingustizzja li sofra meta spicca mkecci mix-xoghol.

Illi it-Tribunal sejjer jevalwa biss, jekk l-ammont mitlub mill-attur hux dovut mis-socjeta konvenuta.

Illi fuq l-ewwel pagament u cioe ekwivalenti ghal xaharejn paga, it-Tribunal jinnota illi ftit hemm wiehed xi jghid fuq dan l-ammont. L-attur inniffsu bilkemm semmih dan l-ammont fix-xhieda tieghu u l-fatti ta' dak li qed jigi mitlub minnu hareg car fil-kontro ezami.

Illi matul il-kontro ezami, l-attur iwiegeb car illi huwa thallas dak li kien dovut lilu f'termini ta' paga, sa l-ahhar gurnata li hadem. Li qed jintalab mill-attur huwa, xaharejn paga, li kien gie imwieghed mis-socjeta konvenuta, kemm-il darba l-attur jaghzel li jirrizenja. Fi kliem l-attur stess, ighid illi din kienet 'offerta'.

Illi mhux kontestat illi l-attur ma rrizenjax u dan wassal sabiex gie terminat. Ghaldaqstant minbarra illi m'hemm xejn konkret u tangibbli fuq xiex wiehed jistrieh rigward dawn ix-xahrejn paga bhala kumpens, it-Tribunal jinnota illi tali offerta mis-socjeta konvenuta kienet kondizzjonata u marbuta mal-fatt illi l-attur jirrizenja. Il-fatti huma cari, fejn is-socjeta konvenuta ghamlet offerta lill-attur illi kemm-il darba kien ser jirrizenja, l-attur kien ser jinghata kumpens ekwivalenti ghal xaharejn paga. Dan ma sehhx u ghaldaqstant il-pagament ossia offerta, marbuta ma' din il-kundizzjoni giet estinta. Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal ma jistax jilqa t-talba ghal dan il-hlas mitlub mill-attur.

Illi t-Tribunal ser jghaddi issa biex jevalwa jekk l-attur kienx intitolat ghal *Performance Bonus*. L-attur ighid illi huwa kien gie imwieghed illi ser jinghata elfejn Ewro bhala bonus. Skond l-attur, din il-weghda kienet saret verbalment minn Luke Gregory. L-attur ighid ukoll illi dan il-bonus kellu jithallas wara l-gheluq ta' sena fl-impieg.

Illi ma hemm l-ebda dubju illi performance bonus kif jissejjah huwa bbazat fuq il-performance ta' l-attur. Huwa car, illi x-xhieda ta' l-attur u tas-socjeta konvenuta huma diametikrament opposti fuq il-performance. L-unika certezza li tezisti hija, anke kif ikkonferma l-attur stess fil-kontro ezami, illi l-impieg tieghu gie terminat a bazi tal-*performance*.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma, illi kemm-il darba impjegat jigi terminat a bazi ta' *performance* ma jaghmel l-ebda sens illi fl-istess waqt jithallas *allowance* ghal *performance*. Fatt kontradittorju li ma jsib l-ebda bazi. Minkejja li qed jinghad dan, it-Tribunal bl-ebda mod mhu qed jidhol fil-mertu jekk il-performance kienetx tajba jew le u lanqas jekk it-terminazzjoni a bazi tal-performance kienet gusta jew le. Izda dan it-Tribunal, ipprezentat b'ittra ta' terminazzjoni, dettaljata bin-nuqqasijiet tal-performance, ma tistax taqbel ma' l-attur li dan l-ammont jibqa dovut. Wara kollox, kull performance bonus huwa ghad-diskrezzjoni ta' l-*Employer* sakemm l-impjegat ma jkunx gie formalment evalwat u moghti persentagg li jifformalizza l-istess *performance*.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal, strettament fuq ix-xhieda moghtija relatata ma' l-ammonti dovuti u r-ragunijiet moghtija mill-attur, huwa konvint li ma jistax jilqa t-talbiet attrici stante illi l-ammont mitlub mhux dovut.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talba attrici u jilqa l-eccezjonijiet tas-socjeta konvenuta. Spejjez ta' din il-kawza ghandom jithallsu mill-attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**

Gudikatur